Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 229/2016: MARK FARRUGIA (KI. 14775M) V. DAVID LINDSAY, RACHEL ATTARD U STEPHEN CALLEJA

(LIBELL - DANNI GHAL MALAFAMA - KAP. 248 ART. 28 - EXCEPTIO VERITATIS – PROVA TAL-VERITA' – KAP. 248 ART. 12 – FAIR COMMENT - KUMMENT ĠUST)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**30 ta' Novembru 2020**

IL-QORTI,

wara li kkunsidrat ir-rikors ta' Mark Farrugia ("ir-rikorrent") ippreżentat fil-21 ta' Lulju 2015,

wara li kkunsidrat ir-risposta ta' David Lindsay, Rachel Attard u Stephen Calleja ("l-intimati") ippreżentata fit-2 ta' Settembru 2015,

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

wara li rat illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta permezz tal-assenjazzjoni magħmula ai termini tal-Artikolu 520(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 11(9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta b'effett mill-10 ta' Mejju 2019,

wara li semgħet it-trattazzjoni orali magħmula għan-nom

- tar-rikorrent, mill-Avukat Dr. Andrew Sciberras
- tal-intimati, mill-Avukat Dr. Peter Fenech,

qed tagħti din is-

## Sentenza

**Atti promoturi**

1. Ir-rikorrent talab lill-Qorti tiddikjara illi l-intimati fil-vesti tagħhom ta' awtur u/jew edituri tal-gazzetta '*The Malta Independent*' u tan-*news portal* '*independent.com.mt*' immalafamawh u llibellawh meta fid-19 ta' Lulju 2015 ġie ppubblikat fuq il-gazzetta u n-*news portal* imsemmija l-artikolu intitolat *'Family incensed as PS buys land from mentally-ill father*', u dan billi skond ir-rikorrent attakkawlu l-integrita', l-unur u r-reputazzjoni tiegħu b' allegazzjonijiet u/jew insinwazzjonijiet għal kollox inveritjeri. Ir-rikorrent talab ukoll illi għalhekk il-Qorti tillikwida d-danni dovut lilu taħt l-Art. 28 tal-Att dwar l-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta) b'riparazzjoni tal-malafama imsemmija.

2. L-intimati ippreżentaw żewġ eċċezzjonijiet prinċipali li fis-suċċint huma s-segwenti:

    1. Il-kontenut tal-artikolu ma' jirrappreżentax fatti inveritieri u għalhekk, ma kienx intiż sabiex itellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tar-rikorrent,

    2. Il-kontenut tal-artikolu jikkonsisti f'kummenti ġusti (*fair comment*) dwar kwistjonijiet fl-interess pubbliku u fi kritika aċċettabbli f'soċjetà demokratika.

3. Ir-rikorrent esebixxa mar-rikors kopja tal-artiklu lamentat kif deher fil-gazzetta fuq imsemmija u fuq in-*news portal* tagħha u mmarka bl-isfar dawk il-partijiet li huwa ħassu nġurjat bihom. L-artiklu jitratta l-bejgħ ta' art fir-Rabat minn ċertu Anthony Scicluna, dak iż-żmien ta' 66 sena, lis-Segretarju Parlamentari, dak iż-żmien, Ian Borg. Il-qofol tal-artikolu huwa l-allegazzjoni illi l-bejgħ sar ta' malajr għal prezz baxx minn persuna deskritta bħala vulnerabbli u mentalment marida u dan wara illi s-sensara Franco Sammut u r-rikorrent Mark Farrugia ħaduh jixrob "*minn bar għal bar*" ġewwa Had-Dingli u r-Rabat fil-weekend ta' qabel li ġie ffirmat il-kuntratt. L-artikolista, l-intimata Rachel Attard, tispjega kif din l-informazzjoni ġiet akkwistata minn membri tal-familja Scicluna li anke kkonfermaw illi Anthony Scicluna rritorna lura d-dar fis-siegħat bikrin ta' sbieħ it-Tnejn filgħodu (fil-ġurnata tat-13 ta' Jannar 2014) sabiex jieħu doċċa u jbiddel il-ħwejjeġ qabel ma' ġew għalih l-istess sensara fis-seba' ta' filgħodu sabiex jeħduh għall-iffirmar tal-kuntratt s'għand in-Nutar Anton Borg. L-artikolu jispjega ukoll il-provenjenza tal-art in kwistjoni u jidħol f'ċertu dettal fuq l-istorja psikjatrika tas-Sur Scicluna u kif dan ilu li ġie ċċertifikat bħala persuna vulnerabbli sa' mill-2009. Maġenb l-artikolu (li jibda fuq il-faċċata tal-gazzetta u jkompli fuq paġna 4) hemm ukoll kolonna b'serje ta' mistoqsijiet lis-

Segretarju Parlamentari u tweġibiet tiegħu fejn dan kategorikament ċaħad l-allegazzjonijiet magħmula mill-artikolista.

4. Il-partijiet li ġew emfasizzati bl-isfar jaqraw kif ġej:

“***Family members speaking with this newspaper claim that it so happened that on 10 January 2014, a Friday, Mr Scicluna left his family home and did not return until the early hours of Monday morning. Mr Scicluna reportedly spent that weekend in the company of Franco Sammut and Mark Farrugia, the two middlemen they say, and according to the sale contact, were acting on Dr Borg's behalf - taking him from bar to bar in Dingli and Rabat and plying him with alcohol, which Mr Scicluna cannot drink because of his medication, in an all-out bid to convince him to sell the land ...***

***... ln the early hours of the morning of 13 January, a Monday, Mr Scicluna returned home, took a shower and changed his clothes. He was picked up by the two middlemen at 7am and was escorted to Notary Anton Borg for an early morning meeting***.”

**Liġi applikabbli**

5. Qabel xejn għall-finijiet ta’ preċiżjoni għandu jingħad illi fl-14 ta’ Mejju 2018, cioe’ ftit inqas minn tlett snin wara l-ftuħ ta’ din il-kawża, daħal fis-seħħ permezz tal-Att XI tal-2018 il-Kap. 579 intitolat ‘l-Att dwar il-Midja u l-Malafama’. Għalkemm b’effett mill-14 ta’ Mejju 2018 ġie mħassar ukoll il-Kap. 248 tal-Ligijiet ta’ Malta madanakollu ai termini tal-Artikolu 25(2) tal-Kap. 579:

‘*l-Att imħassar, kif fis-seħħ qabel ma jiġi mħassar permezz ta’ dan l-Att, għandu jkompli japplika fir-rigward ta’ kawżi pendenti fil-qorti fiż-żmien li jitħassar*’

6. Għaldaqstant huwa ċar illi huma d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 248 (L-Att dwar l-Istampa) li japplikaw għall-kawża odjerna.

**Provi**

7. Fl-affidavit maħluf tiegħu tas-26 ta' Jannar 2016[1] ir-rikorrent **Mark Farrugia** jiċċara illi l-allegazzjonijiet li jqis illi ppreġudikawlu l-unur u r-reputazzjoni tiegħu kienu s-segwenti:

    1. L-allegazzjoni illi huwa ħa lil Anthony Scicluna, li jiġi zijuh, jixrob minn bar għal bar jew f'każini f'Ħad Dingli u r-Rabat b'xi skop frawdolenti u abbużiv. Jgħid illi "*filfatt dakinhar Ii l-gurnal Malta Independent qalu li jien kont qed nieħu liz-ziju tiegħi jixrob fil-barijiet jien kont qed niekol mal-familja tiegħi, kif ġia spjegajt aktar il-fuq, u dan jista' jiġi kkoroborat mill-istess membri tal-familja tiegħi. Niċħad ukoll illi qatt kelli x'naqsam mas-sensar l-ieħor Franco Sammut. Dan kien qed jaħdem għal rasu u jien xi darbtejn biss iltqajt miegħu.*"

    2. L-allegazzjoni illi hu jew xi ħadd ġabar lil Anthony Scicluna fis-siegħat bikrin tat-13 ta' Jannar 2014 biex jieħdu għand in-nutar sabiex jiffirma l-kuntratt kontra l-volontà tiegħu. Jgħid illi "*dan (zijuwi) ġie minn jeddu bil-karozza tieghu (Fiat Punto ħadra) sar-residenza tal-familja tiegħi għall-ħabta tad-disgħa ta' filgħodu u mbagħad niżel miegħi bil-karozza tiegħi għand in-nutar. Is-sensar l-ieħor Franco Sammut ġie waħdu għand in-nutar.*"

8. Ix-xhieda li tressqu mir-rikorrenti fil-kors tal-kawża kienu s-segwenti:

    1. Ir-rikorrent innifsu **Mark Farrugia** li jiġi n-neputi tal-bejjiegħ Anthony Scicluna u wieħed miż-żewġ sensara involuti.

    2. **Franco Sammut**, is-sensar l-ieħor involut fil-bejgħ.

    3. Il-Ministru **Dr. Ian Borg**, dak iż-żmien Segretarju Parlamentari, li kien il-persuna li xtara l-art in kwistjoni.

    4. **Joseph Farrugia,** missier ir-rikorrent.

    5. **Annie Farrugia,** omm ir-rikorrent kif ukoll oħt Anthony Scicluna.

---

[1] Fol 25-32

6. In-Nutar **Anton Borg**, li kien in-nutar li ppubblika l-kuntratt tal-bejgħ in kwistjoni.

9. Ix-xhieda li tressqu mill-intimati kienu s-segwenti:

1. **Alexander Scicluna, Christopher Scicluna u Sharon Scicluna** li jiġu t-tfal ta' Anthony Scicluna.

2. **Antonia Scicluna** li tiġi mart Anthony Scicluna

3. Il-Konsulent Psikjatra **Dr. Ethel Felice,** il-psikjatra kuranti ta' Anthony Scicluna

4. **Rachel Attard**, l-intimata u l-artikolista tal-artikolu mertu ta' din il-kawża ta' libell.

10. Il-provi li ġew imressqa jixħtu dawl fuq: l-istat mentali ta' Anthony Scicluna, iċ-ċirkustanzi li wasslu għall-bejgħ tal-art in kwistjoni, dak li ġara fil-jiem ta' qabel ma' ġie ffirmat il-kuntratt, dak li ġara dakinhar li ġie ffirmat il-kuntratt u finalment dak li sar eżattament wara u fix-xhur sussegwenti qabel ma' nfetħet il-kawża.

*L-istat mentali ta' Anthony Scicluna*

11. Fuq l-istat mentali ta' Anthony Scicluna, intqal is-segwenti mix-xhieda fil-kors tal-kawża:

1. **Alexander Scicluna** fl-affidavit tiegħu tas-6 ta' Ottubru 2016[2] jgħid illi: "*missieri jsofri minn kundizzjoni ta' saħħa mentali ereditarja li ilu ibagħti minnha għal żmien twil, għal madwar ħamsa u għoxrin (25) sena. L-ewwel darba li daħal ġewwa l-iSptar Mount Carmel sabiex jirċievi l-kura kien għall-ħabta tal-2006 jew l-2007. Żgur Ii kien ilu tant il-kura tal-Konsulent Dr. Ethel Felice mill-2009, kif jirriżulta miċ-ċertifikat rilaxxat minnha stess li kopja tagħha hija annessa mal-affidavit ta' ħija Chris, għalkemm għamel xi żmien taħt il-kura tal-Psikjatra Mark Xuereb*". Jgħid ukoll illi "*fl-istat mentali ta' missieri, il-kura psikjatrika u l-mediċina Ii kien qiegħed jikkonsma, kif ukoll is-*

[2] Fol 46

*sakra Ii kien fiha, żgur ma kien fl-ebda stat biex jwiegħed u/jew jittrasferixxi din I-art lill-Onorevoli Ian Borg"*

2. **Christopher Scicluna** fl-affidavit tiegħu tas-6 ta' Ottubru 2016[3] xehed xi ftit jew wisq bħal ħuh Alexander u esebixxa ukoll ċertifikat rilaxxat mill-Konsulent Psikjatra Dr. Ethel Felice datat 27 ta' Jannar 2015 li fih din tiċċertifika illi Anthony Scicluna ibati mill-marda ta' *paranoid schizophrenia,* kien qiegħed taħt il-kura tagħha u kien ilu taħt kura psikjatrika mis-sena 2009. Fiċ-ċertifikat tiddeskrivi s-sintomi ta' din il-kundizzjoni kif jimmanefistaw ruħhom fil-pazjent tagħha u tiddeskrivih bħala li għandu *"a poor judgement"* u bħala li jonqos milli jieħu d-deċiżjonijiet tajbin. Tgħid ukoll illi l-kundizzjoni tiegħu marret għall-agħar fix-xhur preċedenti wara li waqqaf il-mediċina u kellu *"relapse"* u finalment tafferma li huwa persuna vulnerabbli minħabba l-kundizzjoni tiegħu.

3. **Sharon Scicluna** fl-affidavit tagħha tas-6 ta' Ottubru 2016[4] tikkonferma dak li qalu ħutha Alexander u Christopher u tgħid ukoll illi missierha kellu l-vizzju tal-logħob u tax-xorb u li x-xorb ma' kienx jagħmillu tajjeb minħabba l-mediċina li kien jieħu.

4. **Antonia Scicluna** fl-affidavit tagħha tat-22 ta' Frar 2018[5] xehdet hekk: *"Ir-raġel tiegħi ibati minn mard mentali u fil-fatt, ġieli kien rikoverat ġewwa l-isptar Monte Carmeli. Jgħaddi minn perjodi Ii ma jkunx irid joħroġ u fil-fatt fiż-żmien meta seħħ il-bejgħ tal-għalqa, għandi ngħid li żewġi kien ilu żmien twil fis-sodda marid, bejn wieħed u ieħor xi erba' ( 4) xhur u matul dan iż-żmien ma kienx joħroġ mid-dar."* Tgħid ukoll illi minn dakinhar tal-kuntratt żewġha kien rikoverat diversi drabi l-Isptar.

5. **Dr. Ethel Felice** fix-xhieda tagħha mogħtija fil-31 ta' Mejju 2018 xehdet kif ġej:

*"Anthony Scicluna has been under my care over the past few years. He suffers from schizoaffective disorder. Now schizoaffective disorder is a*

---

[3] Fol 48
[4] Fol 52
[5] Fol 131

*chronic condition which will entail that he suffers from delusions. Delusions are false believes which in his case these were centred towards the family. He never trusted them, he thought they were doing things behind his back, they were doing everything to harm him. And also the effective component they could co-exist. And we've seen in such a case in Anthony Scicluna that he was having depressive episodes which were severe and also the opposite of depression, which is hypomanic, well manic episodes. A manic episode is when they are over-talkative, disinhibited, they could be doing things which they don't normally do, such as spending a lot of money, doing rushed decisions which are note based on good judgement. And also he required admission to Mount Carmel Hospital. Now also as a person this has been going on for several years. Although he is receiving a depot injection which is anti-psychotic which is an injection based and which lasts about 4 weeks to make sure that he is compliant. Cause there was a time when he was non compliant to treatment. He still gets episodes of mania and also of depression. Unfortunately it is not as well controlled as we would like it to be but as soon as symptoms do emerge obviously he is followed by the Floriana Mental Health Centre. They have a social worker and he is followed by a key worker. As soon as the symptoms crop up, we take immediate action, either we increase the treatment or else we admit according to the severity of the illness."*

Meta ġiet mistoqsija jekk is-Sur Scicluna kienx taħt il-kura tagħha fl-2013 u 2014 hija wieġbet fl-affermattiv u filfatt ikkonfermat illi kien ilu ċirka tnax-il sena taħt il-kura tagħha. In-notamenti tagħha jmorru lura għal 2018 u x-xhud qalet ukoll illi anke qabel din is-sena huwa kien ħtieġlu jiddaħħal fl-Isptar Monte Karmeli. Rigward il-qagħda ta' Scicluna fl-2013 u 2014 hija qalet hekk:

*"... mela towards 2013 and between 2013 and 2014 there was another relapse. Patient was paranoid and patient also had manic features and he was threatening his son and there was also... he was seen obviously and treatment was increased...15th January 2014. I have seen him and also at a later stage, in January 2015 as well... in 2013 there was a manic episode and he was also paranoid and there was a relapse."*

Ftit aktar tard fl-istess xhieda tagħha x-xhud qalet illi hija kienet qed tirreferi għal meta invistatu f'Jannar 2014 u sabet li kellu *"relapse"*. Ftit xhur qabel

f'Settembru 2013 huwa kien ġie invistat minn tobba oħra u r-*relapse* seħħet piu o meno f'dak iż-żminijiet u kif jiġri b'mod solitu kien hemm akkumulu ta' sintomi sakemm ġie riferut lilha f'Jannar 2014. Hija reġgħet ratu ukoll f'Jannar 2015 meta dakinhar ħarġet iċ-ċertifikat li ġie esebit mal-affidavit ta' Christopher Scicluna.

Fir-rigward ta' kif jimmanifestaw ruħhom is-sintomi tiegħu l-Psikjatra xehdet hekk:

*"When someone is passing through this phase, there is what we call an impairment, a cognitive impairment. In the sense that obviously his attention and his concentration is very much impaired. Besides that, even the judgement is very much impaired so they will not be able to take into consideration the consequence of their behaviour and they will not be able to understand their plan of action and that is a very severe handicap to them. Besides this, I've known Anthony Scicluna for several years. There is a great vulnerability. They will be easily influenced by what they are told. They are very much not able to make decisions and the decisions that are taken are not based on actual evidence and able to know the consequence. So he is someone who is very very vulnerable. Besides that although he has family support unfortunately his dillusions and his state of his thought processes is projected towards the children and the family. So there is an element of mistrust. Mistrust in the family. Obviously if you have family members, I know his daughter, I know his family, they are going to say things which are obviously good for him or which are in his interest. But obviously if there is this mistrust, he would not be able to understand or to take into consideration that they are doing that for his own good."*

Il-Psikjatra rreferiet ukoll għal numru ta' okkażjonijiet meta s-Sur Scicluna stqarr magħha jew ma' tobba oħra (u dan ikun jidher mill-*case notes* li ġabet magħha x-xhud li jkunu fil-file tal-pazjent) illi huwa qatt ma' kellu l-intenzjoni li jbiegħ l-art in kwistjoni.

B'mod interessanti l-Psikjatra xehdet ukoll fuq kif ikun il-pazjent meta jitqies bħala stabbli:

*"When we say stable we mean that there are no overt psychotic features, no overt manic features or no overt depressive symptoms. However that doesn't mean that it is cognitively as well as he was 20 years ago. Because as we know the illness is the more frequent, the relapses are... the more ... the shorter the episodes the severity of this shows that it has an impact on the patient and that it is definitely a decline in his ability to coignitavely be as good as he was previously...*

*... what we find is that although he is stable the vulnerability remains... This is what... this is what it makes you more vulnerable. So you are more vulnerable to stress, you are more vulnerable to being influenced by other. The vulnerability remains. And this is what we need to protect our patients from."*

Finalment il-Psikjatra xehdet ukoll kif hi flimkien ma' professjonist ieħor kienet ħarġet iċ-ċertifikazzjoni meħtieġa fl-2016 sabiex eventwalment is-Sur Scicluna ġiet interdett għal kull finijiet u effetti tal-liġi.

6. Min-naħa l-oħra r-rikorrent **Mark Farrugia** insista fl-affidavit tiegħu illi "*zijuwi ma huwiex persuna Ii ma kienx kapaċi jifhem x'inhu qed jagħmel, anzi niftakru jgħidilna l-istejjer tieghu ta' meta kien għadu żgħir u kien jgħid kollox bl-eżatt u sal-inqas dettal kważi. Ngħid ukoll illi kien qed jifhem eżatt x'qed ibiegħ u għal-liema prezz u Ii kien kuntent. Kif għidt anke' meta mar il-bank biex jiddepożita I-flus, minflok sempliċiment iddepożitahom f'savings account dan rabathom għal tlett (3) snin u kien kuntent ukoll Ii jagħmel hekk ... M'ilux wisq iz-ziju fakkarni, kif dawn il-flus għadhom marbuta u qed jieħu l-imgħax fuqhom."*

Fil-kontroeżami tiegħu tal-25 ta' Jannar 2018 meta ġie mistoqsi jekk jafx li zijuh kellu problemi ta' saħħa huwa wieġeb li ma' jafx għax m'huwiex professur u qatt ma' nvistah. Huwa nnega li qatt kien jaf illi zijuh kien rikoverat fi sptar mentali u jgħid li ma' setax ikun jaf għaliex il-familji rispettivi ma' jitkellmux bejniethom. Jgħid ukoll li ma' jafx li zijuh kellu xi problema ta' xorb. Madanakollu **Sharon Scicluna** tgħid fl-affidavit tagħha illi l-kuġin tagħha kien jaf minn xiex ibati missierha u kien jaf b'dan mill-bidu nett tal-marda tiegħu, snin qabel. Tgħid ukoll illi dak iż-żmien missierha kien iqatta ħafna ħin ma' Mark Farrugia peress li t-tnejn kellhom l-għelieqi.

7. Il-ġenituri tar-rikorrent, **Joseph Farrugia** u **Annie Farrugia** (din tal-aħħar tiġi oħt Anthony Scicluna) ma' semmew xejn fuq is-saħħa mentali ta' Anthony Scicluna fl-affidavits tagħhom li huma ppreżentaw fis-7 ta' April 2016.

8. Il-Ministru gia' Segretarju Parlamentari **Ian Borg** xehed fl-affidavit tiegħu illi huwa kien ilu jaf lil Anthony Scicluna għal madwar tmintax-il sena u jafu dejjem bħala karattru ferrieħi. Jaf li fil-passat kellu problemi familjari ma' martu u wħud minn uliedha. Jisħaq illi l-fatt illi Anthony Scicluna daħal f'tal-inqas sitt kuntratti oħra fis-snin li għaddew mingħajr ma' ħadd qatt iddubita mill-kapaċità tiegħu li jikkuntratta hija prova biżżejjed illi dan kellu kull kapaċità li jidħol fil-kuntratt tal-bejgħ tal-art lilu u li għalhekk Dr. Borg ma' kellux għalfejn ikun hu li jiddubita minn dan.

9. In-**Nutar Anton Borg** fl-affidavit tiegħu xehed illi fi tlett okkażjonijiet bejn 2013 u 2015 huwa kellu quddiemu lil Anthony Scicluna bħala wieħed mill-partijiet f'kuntratti ta' trasferiment ta' proprjetà. Jgħid li

*"fit-tlett [3] okkazzjonijiet, ħadd mill-partijiet kollha, inkluz is-Sur Antonio Sciduna, ma ta indikazzjoni Ii ma kellux il-kapacita' Ii jikkuntratta, hekk kif rikjest fil-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta. Nikkonferma ukoll kif il-partijiet kollha, inkluz is-Sur Antonio Scicluna, fit-tlett [3] okkazzjonijiet taw il-kunsens hieles taghhom skond kif rikjest mill-ligi minghajr ebda xkiel, u dan fil-liberta' assoluta taghhom; Nghid ukoll Ii l-imgieba las-Sur Antonio Scicluna kienet dejjem 1-istess fit-tlett [3] okkazzjonijiel Ii jiena ltqajt mieghu, waqt Ii definittivament fl-ebda okkazzjoni, minn dak stajt nara u nifhem Ii ma kienx taht xi effett ta' alcohol"*

*Iċ-ċirkustanzi li wasslu għall-bejgħ tal-art in kwistjoni:*

12. Fl-affidavit tiegħu **Dr. Ian Borg** jgħid illi fis-6 ta' Awwissu 2013 huwa kien daħal f'konvenju ma' Anthony Scicluna, ommu u ħutu sabiex jixtri proprjetà ġewwa Santa Katerina fil-limiti tar-Rabat. Sussegwentement saqsa lil Scicluna jekk kienx interessat li jbiegħlu ukoll biċċa art (l-art mertu ta' din il-kwistjoni) li kienet qrib sew il-proprjetà li kien ser jixtri. Din l-art kienet misset lil Scicluna b'wirt mingħand il-ġenituri tiegħu. Scicluna qallu illi ma' kienx deċiż fuqha u li però kien ser ikellmu li

kieku jagħmel ħsieb li jbiegħha. Ian Borg għamillu ukoll proposta li jpartatlu biċċa art oħra kemmxejn ikbar li ukoll kien fuq konvenju fuqha sabiex jixtriha mis-sidien u dan versu l-prezz ta' €14,000. Is-sidien ta' din l-art kienu l-eredi ta' oħt Anthony Scicluna u kienet ukoll ġiet mill-wirt tal-ġenituri tal-istess Scicluna. Skond Borg, xi ftit xhur wara Franco Sammut kien offrielu li jkellem lil Anthony Scicluna peress li fil-passat kienu għamlu xi senserija flimkien u kienu ħbieb. Imbagħad fiż-żmien tal-festi tal-Milied tas-sena 2013 Borg iltaqa' ma' Mark Farrugia fil-Każin tal-Banda ta' Had-Dingli u dan kien offrielu li jkellem lil zijuh, Anthony Scicluna, sabiex jara kienx għamel il-ħsieb li jbiegħha l-art in kwistjoni. Skond Farrugia, din l-art ma' kienetx qed tinħadem.

13. Fil-kontroeżami tiegħu r-rikorrent **Mark Farrugia** xehed illi kien **xhur qabel** Jannar 2014 illi Dr. Ian Borg kien kellmu waqt li kien xogħol u ħeġġu jsaqsi lil zijuh jekk kienx jrid jbiegħha l-art in kwistjoni. Farrugia imbagħad iltaqa' miegħu għand tas-Serkin, ir-Rabat, u saqsieh jekk riedx ibiegħha. Anthony Scicluna però qallu li għalkemm ma' kienetx qed tintuża madanakollu ma' kellux ħsieb li jbiegħha f'dak l-istadju. Xi erba' ġimgħat wara reġa ltaqa miegħu l-istess post u Farrugia pproponielu illi jbiegħha lil Dr. Borg għal għaxart elef (€10,000) jew inkella jieħu bi tpartit l-għalqa li Borg kien ser jixtri mingħand l-eredi ta' oħtu għall-prezz ta' erbatax-il elf euro. Scicluna reġa qallu illi ma' kienx deċiż u li però jinfurmah malli jagħmel ħsieb fuq hekk. Meta mistoqsi jekk Scicluna kienx kellem lil xi ħadd minn ħutu fuq l-interess li kien qed juri Dr. Borg fl-art in kwistjoni, Farrugia wieġeb li Scicluna kien jgħidlu li lilu ħadd ma' jindaħallu fi ħwejjġu.

14. Fl-affidavit tiegħu **Mark Farrugia** jgħid hekk:

*"... Jien kont qed inservi ta' sensar bejn l-istess ziju u l-kumpratur l-Onor. Ian Borg...Fl-aħħar ġimgħat qabel l-imsemmi kuntratt, kont primarjament jien Ii wassalt lill-partijiet għan-negozju. Madankollu Franco Sammut [KI: 0108870M], kien ukoll iddiskuta dan il-bejgħ maz-ziju Scicluna diversi drabi u allura ssejjaħ bħala sensar huwa wkoll. Iz-ziju u hu għamlu xi senseriji oħra xi snin ilu ... Ngħid ukoll li l-offerta tal-kumpratur għall-ghalqa msemmija, kienet jew dik ta' flus jew inkella bi tpartit ta' għalqa oħra fl-istess akwata franka u libera, ftit ikbar fil-porzjon meta kumparata ma taz-ziju. Din l-għalqa Ii ġiet offruta bi tpartit, hija tal-kuġini tiegħi, u allura neputijiet oħra (Jennifer Mizzi ID 214874M u ħuha Mario Agius 374572M) taz-ziju Scicluna."*

15. Fl-affidavit tiegħu iben Anthony Scicluna, **Alexander Scicluna** qal illi:

*"Nispjega Ii qabel il-festa ta' Santa Katerina (li tigi fl-aħħar Ħadd ta' Settembru) fl-2013, ma niftakarx ezatt meta, kont kellimt lix-xufier ta' Ian Borg fuq xi attivitajiet tal-festa u hu kien fetaħli s-suggett dwar l-għalqa u staqsieni jekk ridniex inbigħuha lill-Ian Borg. Jien immedjatament wegibt Ii ma konniex interessati. Minn dakinhar 'ii quddiem, diversi persuni fic-cirku ta' Ian Borg, inkluz membri oħra tal-familja tagħna Ii kienu vicin ta' Ian Borg, kienu kellmuni jew bagħtu messaggi sabiex joħolqu pressjoni fuqna biex din tinbiegħ lil Ian Borg. Aħna izda dejjem irrifjutajna. Fost dawn il-persuni kien Ninu Vassallo Ii darba minnhom cempilli waqt Ii kien fil-kumpanija ta' Frank Sammut magħruf bħala l-Belti u beda jinsisti biex inbigħ l-għalqa lill-Onorevoli Ian Borg. Jien bdejt nirrifjuta u għedtlu wkoll Ii dik l-gnalqa kienet ta' missieri u hu qalli Ii dik l- informazzjoni Ii ried ikun jaf u qata."*

16. Finalment fl-affidavit tiegħu ħu Alexander Scicluna, **Christopher Scicluna** xehed illi ftit wara Settembru 2013:

*"... kull darba Ii kont inzur lill-ommi kienet tghidli Ii kienet inkwetata ghaliex kienet qed issir pressjoni zejda fuq missieri sabiex ibigh l-artijiet Ii kien irċieva b'donazzjoni minn missieru, senjatament minn Franco Sammut maghruf bhala l-Belti u Mark Farrugia sabiex din tinbigh Iii Ian Borg. il-Belti kien ta' sikwit icempel lil missieri fuq il-mobile, kif ukoll kien isibu meta kien imur ghand is-Serkin. Ommi kienet qaltli wkoll Ii missieri kien iqatta' hafna hin ma' Mark Farrugia. Minhabba din il-pressjoni Ii kienet qieghda ssir u bl-gharfien tal-kundizzjoni ta' missieri, jiena kemm-il darba staqsejt Iii missieri jekk hu riedx ibigh din I-art, u hu kien dejjem jirrispondi "Dik tagħieli missieri wirt u dik wirt taghkom."*

*Dak li ġara fil-jiem ta' qabel ma' ġie ffirmat il-kuntratt*

17. Fil-kontroeżami tiegħu **Mark Farrugia** xehed li fil-ġurnata tal-Ħadd 12 ta' Jannar 2014:

*"Ghal habta ta' nofsinhar. Kien gie iz-ziju tieghi Anthony Scicluna minn jeddu l-ghalqa tieghi, konna qed nieklu mal-familja igifieri, kien hemm ommi prezenti u missieri u qalli nixtieq li nbieghha lil Dr Ian Borg bil-prezz ta' ghaxart elef... gie minn jeddu l-ghalqa igifieri, ghax niftakar ukoll kien semma' lil wiehed il-Blata, imur jurih xi garaxxijiet, li kienu propjeta' tan-nanniet tieghi igifieri, u qalli, gie, qalli kien imhajjar ghaliha hu wkoll l-ghalqa, imma qalli ha ntiha lil Ian din...*

*... Ghal-habta ta' nofsinhar. Ikkuntattjajt lil Dr Ian Borg u Dr Ian Borg wara ftit ikkonfermali li jista' jsir ghada. Kien ghadu hemm, ghax niftakar ommi kien ghad kellha l-fniek u taghtu bicctejn fenek u qaghad jiekol hemm hawn iz-ziju, u sa dak il-hin kien ghadu hemm u ghidtlu ghada bejn l-ghaxra u nofsinhar jekk irridu nistghu mmorru. Qalli mela mmorru. Qalli mela miftehmin u ftehmna li jigi hdejja id-dar... Qalli jiena ghaxart elef f'idejja rrid, ghaxart elef cash u ghaxart elef cash irrid u lanqas one cent inqas. Qalli hu jrid ihallashom it-taxxi jekk hemm xi taxxi."*

18. **Franco Sammut** xehed fl-affidavit tiegħu illi:

**"***nhar il-Hadd 12 ta Jannar 2014 kien cempilli Mr Farrugia fejn kien qalli Ii Mr Scicluna kien mar il-post fejn Mark u l-familja tieghu u kien qallom Ii kien iddecida Ii l-art ser ibihha Iii Dr Ian Borg. Mr Farrugia kien wera ix xewqa Ii jiena nkun prezenti ghal kuntratt peress Ii kont hdimt fuqa jien ukoll"*

19. Il-ġenituri ta' Mark Farrugia, **Joseph u Annie konjugi Farrugia** qalu permezz ta' affidavit illi:

*"Niftakar ukoll illi dakinhar stess (12 ta' Jannar 2014] Antonio Scicluna kien gie sa' henmhekk minn jeddu u minghajr hadd ma gabu (gie bil-karozza tieghu) u kien gal illi l-ghalqa tieghu (ta' circa nofs tomna) kien ser ibiegha lis-Segretarju Parlamentari Ian Borg."*

20. Min-naħa tiegħu **Dr. Ian Borg** xehed fl-affidavit tiegħu illi:

"*fil-bidu ta' Jannar, propju l-Hadd 12 tax-xahar, ircivejt telefonata mingħand Mark Farrugia fejn qalli kif magenbu kien hemm zijuh Anthony Scicluna li kien iddecieda Ii fil-fatt ibigħ l-għalqa tiegħu. Staqsejtu jekk riedx flus inkella tpartit ma' għalqa oħra kif kont offrejtlu fil-passat - dan sabiex kemm-il darba ried raba ieħor, inkun nista' nitkellem mas-sur Tony Mizzi. Mark Farrugia infurmani Ii z-ziju ried biss flus, u xejn inqas minn għaxart elef ewro...fid-dawl ta' dan kollu, jiena għamilt kuntatt man-nutar Anton Borg. Huwa I-istess Nutar Ii quddiemu dehert għall-konvenju fix-xhur ta' qabel, ma' Anthony Scicluna, ħutu u ommhom. In-nutar infurmani Ii stajna mmorru l-għada filgħodu I-ewwel xogħol. Illi sussegwentement jien infurmajt b'dan lil Mark Farrugia u deher Ii kulħadd seta' jkun prezenti għand in-nutar, nhar it-Tnejn 13 ta' Jannar 2014 filgħodu*"

21. Fil-kontroeżami tiegħu n-**Nutar Anton Borg** spjega kif kien fil-weekend, is-Sibt, meta kien ċempillu Dr. Ian Borg fuq il-*mobile* biex jinfurmah bil-kuntratt.

22. It-tfal u mart Anthony Scicluna xehdu però illi l-istorja bdiet ġurnata jew tnejn qabel meta Scicluna kien ħareġ mid-dar.

23. Skond **Alexander Scicluna** li xehed b'affidavit:

*"ommi kienet qaltli Ii l-gurnata ta' qabel, is-Sibt, in-nies tal-Onorevoli Ian Borg, senjatament Franco Sammut maghruf bhala l-Belti u Mark Farrugia, kienu haduh riceviment, u bejn is-Sibt u l-Hadd ma kienx dahal id-dar."*

24. Mart Anthony Scicluna, **Antonia Scicluna** stqarret fl-affidavit tagħha illi:

*"Darba fost ix-xogħol, kien nhar ta' Erbgħa, kien mar għand is-Serkin jieħu te u baqa' jmur għand is-Serkin fil-jiem ta' wara, sakemm is-Sibt ta' wara, naf Ii xi ħadd ħadu gewwa Paceville, u dan nafu għaliex qalli huwa stess; fil-fatt kien qalli Ii xorob ħafna dakinhar u kien qagħad jiftaħar miegħi kemm kien xorob. Li nista' ngħid jiena dwar il-lejl ta' bejn nhar is-Sibt u l-Hadd huwa Ii naf Ii niftakru dieħel id-dar għall-ħabta tas-siegħa u nofs jew is-sagħtejn ta' filgħodu u għamel l-istorbju, tant Ii jiena qomt, ħriġt mill-kamra tas-sodda tiegħi biex nara x'garalu u niftakar li qal Ii gieghluh ibigħ l-għalqa lil Ian Borg u Ii kien sejjer it-Tnejn ta' wara sabiex jagħmel il-kuntratt. Ma riedx jikxef nies, biss jiena kont ghedtlu "mhux Mark hadek?" Hu la kien qalli 'iva' u lanqas 'le'. B'Mark kont qiegħda nirreferi għan-neputi tiegħu, Mark Farrugia, u kont ghedt dan il-kliem għaliex Mark Farrugia kien il-persuna Ii kien qiegħed jipprova jgennu sabiex ibiegħ l-għalqa Iil Ian Borg. Dan jiena sirt nafu mingħand zewġi stess fil-jiem ta' wara meta kien xurban ...*

*... Naf Ii l-Hadd ħareg kmieni filgħodu jkompli jixrob; din id-darba mar fil-kazin tal-Labour gewwa Had-Dingli. Dan nafu ghaliex xi ħadd Ii kien prezenti kien cempel lil wiehed mit-tfal tieghi biex jinfurmah Ii missieru kien hemm u kien fis-sakra. Naf Ii s-subien tieghi, Alexander (magħruf bħala Sandro) u Christopher (magħruf bħala Chris), marru fil-kazin tal-Labour, biss missierhom ma kienx fi stat Ii jikkomunika maghom minħabba s-sakra Ii kellu fuqu."*

25. Min-naħa tiegħu **Mark Farrugia** ċaħad kategorikament l-allegazzjoni li huwa qatt ħa lil zijuh jixrob b'xi skop frawdolenti u abbużiv u l-ġenituri tiegħu jikkonfermaw li tal-inqas il-Ħadd huwa kien magħhom minn kmieni filogħdu.

26. It-tfal u l-mara ta' Anthony Scicluna komplew jixhdu fuq dak li ġara lejljet li ġie ffirmat il-kuntratt u ċioe nhar il-Ħadd 12 ta' Jannar 2014. **Alexander Scicluna** jgħid fl-affidavit tiegħu li:

*"fit-12 ta' Jannar 2014, jien flimkien ma' familti ghaddejna ghal ommi u morna nieklu Marsaxlokk. Kif konna sejrin lura d-dar, ommi rceviet telefonata minghand hija Chris Ii kien mar izurha d-dar Had-Dingli u nfurmatu Ii konna qieghdin fit-triq lura. Kif wasalna, Chris qalli Ii missieri kien qieghed fi stat mentali hazin u Ii kien anke taht l-influenza tax-xorb u Ii kien hadha kontrih, kif ukoll li qabel telaq kien qallu Ii I-art kien tahielhom. Jien immedjatament cempilt lill-Onorevoli Ian Borg sabiex inwaqqaf il-bejgh tal-ghalqa u qabadni haddiehor Ii qalli Ii ma kienx hemm. Sussegwentement mort flimkien ma' hija Chris sabiex infittxu lil missieri madwar Had-Dingli. Eventwalment sibna lil missieri gewwa l-kazin tal-Partit Laburista. Jiena waqaft fejn il-bieb tal-kazin u sejjahtlu u hu qalli li ma kienx qieghed jaghrafni. II-barman qallu Ii kont jiena, ibnu li kellimtu u hu mexa ftit passi u waqaf. Bdejt nghajjatlu izda ma giex u ma tkellimx iktar. Baqa' ma harigx u jiena tlaqt 'l hemm, bil-hsieb li l-iktar Ii seta' ghamel kien konvenju u Ii bil-kundizzjoni Ii kien fiha, stajna nohorgu minnu. Dakinhar stess ommi kienet qaltli Ii l-gurnata ta' qabel, is-Sibt, in-nies tal-Onorevoli Ian Borg, senjatament Franco Sammut magħruf bhala l-Belti u Mark Farrugia, kienu haduh riceviment, u bejn is-Sibt u l-Hadd ma kienx dahal id-dar."*

27. **Christopher Scicluna** jikkonferma din il-verżjoni ta' ħuh Alexander fl-affidavit tiegħu u qal illi:

*"fit-12 ta' Jannar 2014 ghall-habta tas-6.30pm, Ii kien il-Hadd, jiena mort inzur Iil ommi fid-dar taghhom gewwa Had-Dingli. Ma kien hemm hadd biex jiftahli u meta cempilt Iii ommi, qaltli biex nikkuntattja Iii missieri sabiex jiftahli hu. Mit-ton tal-vuċi u l-aggressivita ta' kif kellimni ndunajt Ii kien fi stat hazin hafna. Kif wasal id-dar indunajt Ii kien fi stat ta' intossikazzjoni serja, fetah il-bieb, baqa' fil-parapett u beda jxejjer mus lejja u jirrabja mieghi u qalli "Mela qallek ir-Rahli (ghal Mark Farrugia) Ii tajthielhom l-ghalqa?' u "Tajtielhom l-ghalqa" u ftit wara telaq. Jiena dhalt gewwa fid-dar u qghadt nistenna sakemm waslet ommi flimkien ma' hija Sandro u l-familja tieghu. Jien spjegajtilha x'kien gara u jien u Sandro morna nfittxu lil missieri madwar*

*Had-Dingli. Eventwalment sibna lil missieri gewwa l-kazin tal-Partit Laburista. Jien bqajt fil-karozza u hija Sandro waqaf fejn il-bieb tal-kazin. Sandro beda jghajjat Iii missieri izda hu ma riedx johrog u eventwalment tlaqna."*

28. Fuq l-istess linja xehdet oħthom **Sharon Scicluna** li qalet ukoll illi:

"*Nispjega Ii tard wara nofsinhar nhar il-Hadd fit-12 ta' Jannar 2014, huti kienu ltaqghu ghand ommi kif kien isir regolarment nhar ta' Hadd u qaluli li missierna kien ta l-ghalqa lill-Onorevoli Ian Borg. Jien immedjatament bghatt messagg lill-Onorevoli Ian Borg u nfurmajtu Ii l-ghalqa ta' missieri ma kinitx ghall-bejgh, biss hu ma wegibnix. Jiena dak iż-żmien kont qieghda nghix id-dar flimkien mal-genituri tieghi. Naf Ii meta dhalt norqod missieri kien ghadu ma rritornax id-dar u kien ilu barra ġurnata*"

*Dak li ġara dakinhar li ġie ffirmat il-kuntratt*

29. Skond dak li xehed fl-affidavit tiegħu **Mark Farrugia:**

*"nhar it-13 ta' Jannar 2014, jiena u z-ziju tieghi Antonio Scicluna, detentur tal-karta tal-identita bin numru 0982847M, morna mimn jeddna ghand in-Nutar Anton Borg fl-ufficju tieghu Birkirkara sabiex tigi trasferita ghalqa tal-istess ziju lill-Onor. Ian Borg ... gie minn jheddu d-dar fejn jiena noqghod flimkien mall-genituri tieghi ghal habta ta 9am, habbat il-bieb u fakkarni sabiex nitilqu ghand in-nutar sabiex naghmlu l-kuntratt... Tajjeb Ii nghid, Ii gia ladarba konnha quddiem in-Nutar Borg, gie propost minn Nutar stess Ii wiehed setgha jaghzel Ii jigi ppublikat l-kuntratt mill-ewwel, peress illi l-provenjenza kienet simili ghal kuntratt iehor Ii kien ser ikun pubblikat flit zmien wara bejn l-istess kompratur, iz-Ziju Scicluna, hut iz-Ziju Scicluna u partijiet ohra quddiem 1-istess Nutar Ii kien gja ra l-istess provenjenza"*

Skond ix-xhud, zijuh ried għaxart elef euro f'idejh bħala ħlas u t-taxxa tat-trasferiment ħallasha l-kumpratur stess Ian Borg biex b'hekk dan spiċċa ħallas ħdax-il elf u seba' mitt euro (€11,700) dakinhar tal-kuntratt. Lil zijuh naturalment tah għaxart elef euro f'idejh permezz ta' ċekk.

In kontroeżami l-istess xhud ikkonferma illi sbieħ it-Tnejn filgħodu zijuh kien mar s'għandu bil-*Fiat Punto* ħadra tiegħu u baqgħu sejrin flimkien s'għand in-nutar. Ikkonferma ukoll illi tabib preżenti waqt il-kuntratt ma' kienx hemm. Ix-xhud jgħid li ħa' mitt euro senserija u li bihom kien kuntent għax ma' ridx ifittex

ma' zijuh. Innega illi l-art in kwistjoni kienet tmiss ma' proprjeta' ta' Dr. Ian Borg li kien ser jiżviluppa u qal illi:

*"Le ma tmiss ma mkien. Anzi l-passagg taghha, hemmhekk nafu bl-amment, jien kont nghix hemmhekk, twelidt hemmhekk igifieri, tidhol ghaliha minn gol-wied, qed nghidlek il-fossa li kien fiha igifieri fossa privata go fiha, u merfugha mill-art mhux mirduma taht il-hamrija ta' igifieri qieghda merfugha mill-art tista' tmur taraha...Il-Ministru Borg xtara bicca propjeta mill-istess u ghamel l-istess kuntratt illi ghamel maz-ziju tieghi ... Bicca 'l fuq imma."*

30. **Franco Sammut** xehed fl-affidavit tiegħu illi:

***"****Il-kuntratt kien sar għand in Nutar Anton Borg nhar it 13 ta' Jannar 2014 u jiena kont soqt hemm waħdi u meta wasalt ga kien hemm il-partijiet l-ohra kolla preżenti"*

31. In-Nutar **Anton Borg** xehed in kontroeżami illi kien huwa stess illi ssuġerixxa li l-partijiet jmorru għall-kuntratt finali immedjatament ġaladarba huwa kellu bil-lest ir-riċerka kollha dwar il-provenjenza tat-titolu tal-art.

*"Normalment il-konvenju jsir minhabba r-ricerki u minhabba certu affarijiet, loans etc etc. Issa dan la kien hemm loan, la kien hemm problemi ohra. Tajt daqqa t' ghajn ir-ricerki biex nara saritx xi ipoteka; ipoteka ma kienx hemm, kien hemm straight donation u daqshekk, u sar il-kuntratt minn l-ewwel."*

Spjega ukoll illi meta wara li ġie ffirmat il-kuntratt huwa dar fuq Anthony Scicluna għall-ħlas tat-12% taxxa fuq il-prezz dan kien irrabbja u għamilha ċara li taxxa huwa ma' kienx ser iħallas u li huwa ried għaxart elef euro f'idejh. Filfatt spiċċa iħallas din it-taxxa l-kumpratur innifsu. In-Nutar ikkonferma illi Anthony Scicluna deher li kien kuntent waqt l-iffirmar tal-kuntratt u ċaħad kategorikament li huwa kien jaf bl-istat mentali ħażin tiegħu:

*"Kieku kont naf li kellu xi problema mentali, ghalkemm ma kienx interdett, sewwa? li kieku kont naf li kellu xi problema mentali jew li ma kellux il-kapacita` li jikkontratta inserrah ras il-Qorti li l-kuntratt ma kontx naghmlu"*

Spjega ukoll illi dakinhar tal-kuntratt huwa kellu ħafna minnu lest u rranġa fejn kien hemm bżonn jirranġa u wara spjega l-kontenut lill-partijiet.

32. **Antonia Scicluna** xehdet kif saret taf li żewġha ffirma l-kuntratt iżjed tard fl-istess ġurnata minn żewġha stess:

*"L-ghada filghodu, Ii kien nhar it-Tnejn, jiena ma rajtux peress Ii kont xoghol. Dakinhar stess, zewgi kien infurmani Ii kien biegħ I-art lill-Onorevoli Borg; kien qalli Ii sar kollox ta' malajr mingliajr konvenju, Ii kienu marru għand Nutar u Ian Borg kien tah il-flus. Qalli wkoll li n-neputi tiegħu, Mark Farrugia, kien hadu I-bank sabiex jiddepozita I-flus. Naf li l-ammont kien ta' ghaxart elef ewro (€10,000) u Ii Mark kien qallu sabiex jorbothom ghal tliet (3) snin."*

*Dak li ġara wara li ġie ffirmat il-kuntratt*

33. Skond **Mark Farrugia** tant kemm zijuh kien jaf x'inhu jagħmel illi wara l-kuntratt huwa kien investa l-flus li kien għadu kemm qala:

*"wara Ii l-kuntratt ġie ppublikat, iz-ziju Scicluna xtaq Ii jmur il-Bank of Valletta fir-Rabat Malta. Ghaldaqstant jiena wassaltu peress Ii kienet fi triqitna Jura lejn Had-Dingli. Ftit wara gejt infurmat minnhu Ii hu dahal jiddepozita l'ghaxart Elef Ewro [€10,000], izda wara diskussjoni Ii huwa kellu mal-kaxxier tal-istess Bank, huwa iddecieda minn jheddu Ii jidhol f'kuntratt mal-Bank fi skema ta' investiment u allura rabat dawn l-ghaxart Elef Ewro [€! 0,000] ghal numru ta snin mal-istess bank. Huwa kien kuntent Ii ghamel dan ghaliex qalli hekk zgur ser ikollu xi haga taht rasu. M'ilux wisq iz-ziju fakkarni, kif dawn ii-flus ghadhom marbuta u qed jiehu l-imghax fuqhom."*

34. Skond **Alexander Scicluna** dakinhar tal-kuntratt:

*"cempilt Iil Mark Farrugia izda ma rrispondinix minkejja Ii ppruvajt kemm-il darba nikkuntattjah. Filghaxija mbaghad cempilt lill-Onorevoli Ian Borg, Ii rrispondieni permezz ta' messagg biex jghidli Ii ma setax ikellimni. Sussegwentement cempilli lura u ghedtlu "Tafx'ghamilt int ma' bniedem marid?" Huwa rrisponda "Oqghod attent x'qed tghid. Dak int qed tghidu." Jiena bqajt nissikkah u eventwalment qalli Ii kienu hadulu tabib ghand in-Nutar Anton Borg."*

35. **Christopher Scicluna** xehed illi xi ftit ġimgħat wara li ġie ffirmat il-kuntratt il-familja tiegħu kienet talbet laqgħa mal-Prim Ministru u ngħataw appuntament iżda dakinhar iltaqa' magħhom persuna oħra mibgħuta mill-Prim Ministru u ma' ħadu l-ebda sodisfazzjon mill-inkontru.

36. **Sharon Scicluna** tgħid ukoll x'ġara iżjed tard waranofsinhar dakinhar li ġie ffirmat il-kuntratt:

*"Fl-istess jum wara nofsinhar, mort inhabbat il-bieb tal-kugin tieghi Mark Farrugia u saqsejtu x'kien gara. Huwa kif rani nfaqa' jibki u qalli Ii missieri kien ittrasferixxa I-art lill-Onorevoli Ian Borg. Huwa qalli izda Ii missieri kien mar il-bank u I-flus rabathom. B'dan lili kompla jikkonvintini Ii mhux hiss missieri ma riedx ibigh din I-art, izda wkoll li Mark Farrugia kien jaf bil-kundizzjoni ta' missieri, kif ukoll bil-problemi mentali, tax-xorb u tal-loghob Ii kien afflitt minnhom tant Ii ha vantagg minn dan kollu...Mark Farrugia staqsieni wkoll jekk konniex indunajna ghaliex missieri kien dejjem jinzel ghand is-Serkin fl-istess hin u ma min kien qieghed jiltaqa' f'dik il-gimgha qabel ma sehh il-bejgh izda jien ghedtlu Ii ma kont indunajt b'xejn. Ftit wara kien anke gie missier Mark, Joe Farrugia, Ii beda jheddidni u qalli biex Iill-ibnu ma ndahhluhx f'basal ghax kien jaghmel funeral wiehed bina kollha"*

37. **Antonia Scicluna** xehdet illi

*"wara l-bejgh, Anthony kien ghamel habta jghidilna Ii hu qatt ma ried ibigh, biss kien jghid li kienu dawruh u Ii kien imgiegħel. Minn dakinhar 'I hawn, zewgi kien rikoverat diversi drabi l-isptar."*

38. Il-Konsulent Psikjatra **Dr. Ethel Felice** fix-xhieda tagħha rreferiet għal numru ta' okkażjonijiet, fosthom fi Frar 2014, meta s-Sur Scicluna stqarr magħha jew ma' tobba oħra (u dan ikun jidher mill-*case notes* li ġabet magħha x-xhud li jkunu fil-file tal-pazjent) illi huwa qatt ma' kellu l-intenzjoni li jbiegħ l-art in kwistjoni.

39. Finalment, l-artikolista **Rachel Attard** xehdet kif l-istorja ġiet a konoxxenza tagħha xi sena u nofs wara li ġie ffirmat il-kuntratt in kwistjoni minn persuna li kienet fil-kumpanija ta' Anthony Scicluna. Skond Attard:

*"Is-Sur Scicluna cempiltlu, u meta cempiltlu qatt ma ninsiha, cempilli … jien cempiltlu u ghidtlu Anthony Scicluna? Qalli iva. Ghidtlu jiena … dak iz-zmien kont news editor tal-Independent u ghidtlu smajt li bieghejt l-art lil Ian Borg u inti ma xtaqtx tbieghha. Qalli iva, ehe, qalli jiena qatt ma xtaqt inbieghha, gejt sfurzat, gejt imgieghel and he was very agitated in his … and you could tell li l-persuna m'huwiex … li there is something wrong. Qalli jiena qieghed fi triqti lejn il-polyclinic tal-Furjana biex niehu l-injection li jiehu regolarment tal-issue mentali li ghandu … minhabba d-dizabilta' li*

*ghandu mentali. Qalli cempel lit-tifla tieghi ha tghidlek hi ghax jien ma niflahx nitkellem fuqha, u taghni n-number tat-tifla tieghu. It-tifla tieghu cempltilha u minn dakinhar bdejt niltaqa' mal-familja tieghu. Anke tajjeb nghid li jien ma qbadtx u ppubblikajt l-istorja mill-ewwel. Ghamilt hafna u hafna meetings mal-familja. Lis-Sur Scicluna qatt ma ltqajt mieghu ghaliex anke f'dak il-perjodu kien ghamel xi zmien diehel u hiereg Mount Carmel u plus li l-familja tieghu kienu jghiduli llum per ezempju, ilu gimgha shiha ghadu ma qamx mis-sodda, ghax kien depressed hafna. Eventwalment rajt anke numru ta' pjanti ta' din l-art, rajt ukoll certifikati medici tas-Sur Scicluna fejn they date back a number of years u ahna prezentajnihomlok ukoll u mbaghad minn hemmhekk bdejt nara l-istorja … li hemm storja hemmhekk. Eventwalment ma waqaftx hemmhekk. Jien hassejt li m'ghandix naghti gudizzju lill-qarrej tieghi u nghidlu jiena naqbel jew ma naqbilx mal-familja Scicluna. Imma wkoll barra li intervistajt il-familja u staqsejthom numru ta' mistoqsijiet kif hemm ippubblikat, intervistajt ukoll lil Ministru Ian Borg. Fejn biex inkun anke korretta, u fedelment korretta mieghu, biex ingib iz-zewg nahat tal-istorja, il-mod kif ipprezentajt l-intervista kienet a question and answer biex lil qarrej nurih jien xi staqsejt. U bazikament ghamiltha question and answer"*

Meta ġiet mistoqsija x'informazzjoni kienet ingħatatilha mill-familja tiegħu dwar l-istat psikoloġiku tiegħu fil-jiem li ġie ffirmat il-kuntratt hija wieġbet hekk:

*"F'dawk il-jiem kien hazin kif ghidt, igifieri dan lanqas kien qed jiehu l-kura medika tieghu anke fix-xhieda taghha, Ethel Felice qalet ukoll li ma kienx qed jiehu, kien qed jaqbez il-medicina, tant hu hekk li mbaghad anke wara li bieghha, dan kien spicca fi stat … ma nafx it-terminologija medika ezatt imma anyway, kien konfuz u spicca d-dar wahdu, as in joqghod fis-sodda u ma jrid ikellem lil hadd, spicca anke ghamel xi xhur Mount Carmel … dan kollu qieghed fl-affidavit"*

**Il-prova tal-verità**

*Il-liġi u l-każistika*

40. L-intimati jeċċepixxu l-*exceptio veritatis* u ċioe filwaqt li qed jieħdu r-responsabiltà ta' dak li ġie ppubblikat qed jgħidu illi sostanzjalment il-kliem li ġew ippubblikati ma' jikkonsistux f'fatti inveritieri . Din id-difiża hija rregolata mill-Artikolu 12 tal-Kap. 248 li fost affarijiet oħra jipprovdi illi l-prova tal-verità tal-fatti attribwiti hija ammessa biss fil-każ li l-persuna offiża (li ai termini tal-Artikolu 2 tal-Kap.248 tinkludi ukoll korp ta' persuni) taqa' taht waħda jew iktar mill-ħames kategoriji elenkati u cioe:

1. *Tkun uffiċjal jew impjegat pubbliku u l-fatti attribwiti lilha huma dwar l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha; jew*

2. *Tkun kandidat għal kariga pubblika u l-fatti attribwiti lilha jkunu dwar l-onesta, il-ħila jew il-kompetenza tagħha li tokkupa dik il-kariga; jew*

3. *Abitwalment teżerċita professjoni, arti jew sengħa, u l-fatti attribwiti lilha jkunu dwar l-eżerċizzju ta' dik il-professjoni, arti jew sengħa; jew*

4. *Tieħu parti attiva fil-politika u l-fatti attribwiti lilha jkunu dwar il-parti li hi tieħu fil-politika; jew*

5. *Jkollha kariga ta' fiduċja fi kwistjoni ta' interess pubbliku ġenerali.*

41. F'din il-kawża għalkemm l-artikolu inkiteb dwar l-aġir ta' persuna pubblika, ir-rikorrent mhuwiex persuna pubblika u lanqas m'għandu kariga pubblika. Għalkemm għamilha ta' sensar fir-rigward tal-kuntratt ta' bejgħ tal-proprjetà in kwistjoni madanakollu mix-xhieda ma' ħariġx li jaħdem ta' sensar u difatti meta ġie mistoqsi x'jaħdem huwa wieġeb li ma' jaħdimx. Kwindi lanqas japplika l-artikolu 12(1)(c) tal-Kap. 248. Għalhekk din l-eċċezzjoni tfalli mill-ewwel għaliex ma' taqax taħt il-Kap. 248 li kif ingħad hija l-liġi li tirregola din il-kawża. Min-naħa l-oħra fil-Kap. 579 tal-Liġijiet ta' Malta insibu fl-Art. 4(5) illi għalkemm il-prinċipju ġenerali huwa li d-difiżi tal-verità u tal-opinjoni onesta għandhom japplikaw biss meta l-persuna aggravata tkun persuna pubblika madanakollu dawn id-difiżi *"jistgħu jitqajmu fejn il-materja msemmija hija materja ta' interess pubbliku ġenerali jew fejn il-persuna aggravata, għad li ma tkunx persuna pubblika tkun involuta f'materja ta' interess pubbliku, jew fejn wara li tqis kif jixraq iċ-ċirkostanzi kollha tat-talba l-Qorti tkun sodisfatta li t-tqanqil ta' dawk id-difiżi jkun meħtieġ għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja b'mod xieraq".* Din il-liġi madanakollu ma' tapplikax għal din il-kawża u peress li l-Qorti ma' tistax tinjora l-liġi applikabbli hija marbuta illi tiċħad din l-eċċezzjoni mill-ewwel mingħajr ma' tidħol fil-mertu tagħha.

**Kummenti ġusti (*fair comments*)**

*X'jgħidu l-awturi u x'tgħid il-każistika*

42. L-intimati eċċepew ukoll illi l-fatti imsemmija fil-pubblikazzjoni jikkonsistu f'kummenti dwar kwistjonijiet fl-interess pubbliku Ii għalhekk, jikkonsistu f'fair

comment, kritika accettabbli f'socjeta demokratika u esericizzju tal-liberta tal-espressjoni sanicita, inter alia, mill-Kostituzzjoni ta' Malta u 1-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

43. Fis-sentenza **London Artists Ltd. v. Emile Littler** (England and Wales Court of Appeal – Civil Division – 10.12.1968) Lord Denning qal hekk:

"***The second point is whether the allegation of a "plot" was a fact which the defendant had to prove to be true, or was it only comment? In order to be fair, the commentator must get his basic facts right. The basic facts are those which go to the pith and substance of the matter: see Cunningham-Howie v. Dimbleby [1951] 1 K.B. 360, 364. They are the facts on which the comments are based or from which the inferences are drawn - as distinct from the comments or inferences themselves. The commentator need not set out in his original article all the basic facts: see Kemsley v. Foot [1952] A.C. 345; but he must get them right and be ready to prove them to be true. He must indeed afterwards in legal proceedings, when asked, give particulars of the basic facts: see Burton, v. Board [1929] 1 K.B. 301; but he need not give particulars of the comments or the inferences to be drawn from those facts. If in his original article he sets out basic facts which are themselves defamatory of the plaintiff, then he must prove them to be true: and this is the case just as much after section 6 of the Defamation Act, 1952, as it was before. It was so held by the New Zealand Court of Appeal in Truth (N.Z.) Ltd. v. Avery [1959] N.Z.L.R. 274, which was accepted by this court in Broadway Approvals Ltd. v. odhams Press Ltd. [1965] 1 W.L.R. 805. It is indeed the whole difference between a plea of fair comment and a plea of justification. In fair comment he need only prove the basic facts to be"***

44. Dwar din id-difiża Gatley jgħid kif ġej:

***"To succeed in a defence (of fair comment) the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. However, an inference of fact from other facts referred to may amount to a comment. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of, at least to the extent of indicating that what is being stated is comment. Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If the***

***Claimant can show that the comment was actuated by malice (which for this purpose means that the defendant was not expressing his genuine opinion) he will defeat the plea. It is not enough, however, to show that the comment was prejudiced or exaggerated or "unfair'' in the ordinary sense of that word."*** [6]

45. Fis-suċċint, l-elementi tad-difiża tal-*fair comment* skond Gatley kif sussegwentement elaborati mill-Qrati tagħna[7] huma għalhekk is-segwenti:

1. Il-kumment irid ikun ġie msejjes fuq fatti li jkunu ssemmew fil-pubblikazzjoni li minnha jitressaq l-ilment;
2. Il-fatti imsemmija jridu ikunu sostanzjalment veri;
3. Jekk il-kumment ikun dwar imputazzjoni ta' motivi korrotti jew dizonesti irid jintwera li dan il-kumment kien ġustifikabbli jew mistħoqq;
4. Il-kumment irid ikun tali li jikkwalifika bħala kritika u mhux żeblieħ, tgħajjir jew insolenza; u
5. Il-kumment irid jagħti l-fehma onesta tal-kummentatur u l-pubblikazzjoni ta' dik il-fehma ma tkunx saret b'ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa' lil dak li jkun.
6. Il-kumment irid ikun fuq materja li tkun "*in the public interest*" jew tal-inqas tkun tali li dwarha l-pubbliku jkollu "*a legitimate concern*"

46. Kif diġà ingħad iktar 'l fuq, il-kummenti meqjusa bħala malafamanti mir-rikorrent fl-artikolu lamentat huma tnejn u ċioe: (i) l-allegazzjoni illi fil-*weekend* ta' qabel ma' ġie ffirmat il-kuntratt Anthony Scicluna kien ġie akkumpanjat minn Mark Farrugia (u s-sensar l-ieħor Franco Sammut li però m'huwiex parti minn din il-kawża) fejn ġie meħud f'diversi barijiet f'Ħad-Dingli u fir-Rabat sabiex jixrob u jiġi intossikat bil-ħsieb illi jikkonvinċuh sabiex jbiegħ l-art in kwistjoni lil Dr. Ian Borg, u (ii) l-allegazzjoni illi dan il-komplott ġie ssiġġilat nhar it-Tnejn kmieni filgħodu meta s-Sur Scicluna ftit wara li rritorna d-dar, inħasel u biddel il-ħwejjeġ, inġabar mid-dar tiegħu mill-istess rikorrent u minn Franco Sammut u ġie meħud s'għand in-Nutar Borg fejn eventwalment iffirma l-kuntratt.

47. F'dan ir-rigward l-artikolista **Rachel Attard** xehdet li:

---

[6] Gatley on Libel and Slander Sweet and Maxwell (London) 11th ed., pagna 336
[7] Ara perezempju **Dr Louis Galea vs Etienne St John u Felix Agius** (Rif Nru 946/1997 JRM deciza fit 30 ta' April 2015)

*"dawk il-jumejn is-Sibt u l-Hadd ma kienx qed ikun id-dar u kienu qed jghidulhom il-familja li kien qieghed jixrob, meta mhux suppost kien jixrob ghax il … il-kundizzjoni tieghu u l-medicina li jiehu does not allow him to drink u eventually sabu tifel minnhom li mar f'kazin u sabuh fis-sakra, tant hu kien fis-sakra li lanqas gharaf lill-istess uliedu u beda jghidilhom jien ma nafx min intom, morru l'hemm u halluni. U ovvjament minn hemm sirt naf li kien fis-sakra, minn uliedu... Imma li l-familja qaluli hija … Illi l-persuna, wiehed minnhom, Mark Farrugia kien qieghed jixrob mieghu... Pero' kif ghidt jiena … seta' kien qed jixrob mieghu s-sensar, seta' kienu qed jixrob mieghu sitt sensara ohra, ma kenitx taghmel, dak il-punt … I mean dak il-hin … hi l-istorja ma kenitx is-sensar kien qed jaghmel xoghlu, ha l-one percent tieghu u daqshekk"*

48. Filwaqt li fix-xhieda tagħha l-artikolista tisħaq illi l-artikolu ma' kienx dwar dak li għamlu jew m'għamlux is-sensara fil-ġranet ta' qabel ma' ġie ffirmat il-kuntratt, iżda kien jitratta dak li għamel is-Segretarju Parlamentari ta' dak iż-żmien biex jixtri l-art in kwistjoni mingħand bniedem deskritt bħala mentalment marid, madanakollu hija ċara għall-Qorti illi s-sensara, fosthom ir-rikorrenti, jokkupaw parti integrali mill-artikolu. Dan jingħad għaliex waħda mill-allegazzjonijiet prinċipali – allegazzjoni illi r-rikorrenti iħoss li hija malafamanti fil-konfront tiegħu – hija li l-istess sensara kienu parti minn pjan dijaboliku sabiex jisfruttaw il-vulnerabilta' ta' Anthony Scicluna bil-ħsieb li jinduċuh li jaċċetta ibiegħ l-art in kwistjoni lis-Segretarju Parlamentari.

49. Mill-assjem tal-provi ħareġ ċar, anke mix-xhieda li tat Antonia Scicluna stess, illi għalkemm huwa minnu li r-raġel tagħha Anthony Scicluna kien ittieħed jixrob Paċeville fil-lejl ta' bejn is-Sibt u l-Ħadd, u li kien mar jixrob ġewwa l-każin tal-Labour ta' Ħad Dingli nħar il-Ħadd filgħodu, però bl-ebda mod ma' ġie ppruvat illi huwa kien ittieħed jixrob jew ġie akkumpanjat mir-rikorrent.  Filfatt meta hija stess ikkonfrontat lil żewġha meta rritorna lura d-dar fis-sagħtejn ta' filgħodu ta' sbieħ il-Ħadd u staqsietu jekk kienx Mark Farrugia li ħadu jixrob huwa la qalla iva u lanqas le. Għalkemm l-istess xhud qalet li xhur wara l-iffirmar tal-kuntratt Anthony kien jgħidilha li huwa qatt ma' ried jiffirma u li filfatt kien ġie mġiegħel jagħmel hekk, madanakollu qatt ma' semmiela li hu kien ittieħed jixrob mar-rikorrent fil-jiem ta' qabel il-kuntratt. Dan minkejja ukoll dak li xehed fl-affidavit tiegħu t-tifel tagħha Alexander meta qal li ommu stess qaltlu li "*s-Sibt, in-nies tal-Onorevoli Ian*

*Borg, senjatament Franco Sammut ... u Mark Farrugia, kienu ħaduh riceviment, u bejn is-Sibt u l-Ħadd ma kienx dahal id-dar"*

50. Iben Scicluna stess, **Alexander Scicluna,** in kontroeżami meta xehed fuq x'ra meta l-Ħadd filgħodu sab lil missieru fi stat ta' sakra fil-każin tal-Partit Laburista f'Ħad-Dingli, ma' setax jgħid li missieru kien fil-presenza tar-rikorrent.

51. Fi kliem ieħor għalkemm l-artikolista qalet li l-familja ta' Anthony Scicluna kienu qalulha illi r-rikorrent u Franco Sammut kienu ħarġuh jixrob biex jisker fil-lejl ta' bejn is-Sibt u l-Ħadd u nhar il-Ħadd filgħodu, madanakollu l-istess familja naqset milli tikkonferma dan fil-kors tal-kawża.

52. Daqstant ieħor ma' ġietx ippruvata l-allegazzjoni illi r-rikorrent u Franco Sammut ġabru lil Scicluna mid-dar tiegħu nhar it-Tnejn filgħodu u ħaduh magħhom. Filfatt l-unika persuna li setgħet tipprova l-kuntrarju, ċioe martu Antonia li kienet tgħix miegħu, xehdet illi t-Tnejn filgħodu hija ma' ratux għax kienet xogħol.

53. Jirriżulta għalhekk illi dawn iż-żewġ allegazzjonijiet meqjusa bħala malafamanti mir-rikorrent ma' kienux korretti.

54. Madanakollu l-Qorti ma' tistax tikkunsidra dawn iż-żewġ dikjarazzjonijiet ossia' allegazzjonijiet waħedhom mingħajr ma' tqishom fil-kuntest tal-artikolu sħiħ. Huwa ċar illi l-ġist tal-artikolu kien l-aġir tal-ex Segretarju Parlamentari Dr. Ian Borg u mhux dak li għamlu jew m'għamlux is-sensara. It-titolu filfatt jaqra "*Ian Borg's Santa Katerina exploits*" u "*Family incensed as PS buys land from mentally-ill father*". Għalkemm ir-rikorrent jissemma fl-istorja bħala attur bi rwol importanti fl-istrateġija maħsuba biex Anthony Scicluna jiġi mħajjar jagħti l-kunsens tiegħu għat-trasferiment tal-art, il-protagonista ċertament ma' kienx hu imma kien is-Segretarju Parlamentari li allegatament kien il-moħħ wara din l-istrateġija. Huwa dan li qarrej raġjonevoli dotat b'intelligenza ordinarja jinferixxi mill-istorja.

55. Issa l-Qorti minn dak li xehdet il-Psikjatra Ethel Felice u anke l-familjari ta' Anthony Scicluna m'għandiex dubju li dan l-individwu kien ilu għal żmien twil mifni bi problemi serji ta' saħħa mentali li, anke fl-aħjar mumenti, ma' kienetx tippermettilu jieħu deċiżjonijiet għaqlija u kienet tagħmlu vulnerabbli li jiġi influwenzat minn ħaddieħor.

56. Il-Qorti ma' ssibx kredibbli x-xhieda tar-rikorrent u ta' Dr. Ian Borg li huma ma' kienux jafu bl-istat ta' saħħa mentali ta' Anthony Scicluna. Ir-rikorrent jisħaq li l-familji ma' kienux jitkellmu bejniethom u li allura ma' setax ikun jaf. Madanakollu hija ħaġa ferm u ferm dubjuża u li ma' titwemminx illi f'raħal żgħir bħal ma' hu Had-Dingli in-nies ma' jkunux jafu li wieħed minnhom, persuna li apparentement kienet maħbuba u magħrufa mar-raħal kollu, kellu problemi ta' saħħa mentali tant kbar illi saħansitra kien jeħtieġlu jiġi rikoverat fl-Isptar Monte Karmeli għal xi żmien. Dan jgħodd iżjed u iżjed għall-familjari u iktar u iktar meta dawn jgħixu fl-istess lokalita' . Il-Qorti ssibha ukoll diffiċli ferm biex temmen li Dr. Ian Borg, li *ex-admissis* kien ilu jaf lil Scicluna għal madwar tmintax-il sena u li kien jaf dwar is-sitwazzjoni ta' ġlied fil-familja tiegħu, ma' jkunx jaf imbagħad dwar l-istat ta' saħħa mentali tal-istess persuna.

57. Marbut mal-istat ta' saħħa ta' Anthony Scicluna hemm imbagħad il-fatt illi wara ġimgħat jekk mhux ukoll xhur ta' tentattivi, inkluż bl-intervent tar-rikorrent, sabiex Scicluna jiġi mħajjar jbiegħ il-proprjeta' tiegħu lil Dr. Ian Borg, f'ġurnata waħda – proprju dik il-ġurnata meta għal raġuni jew oħra Scicluna fl-aħħar għamel il-ħsieb li jbiegħ l-art – ir-rikorrent, Dr. Ian Borg, Franco Sammut u n-Nutar Anton Borg rnexxielhom jiffinalizzaw il-kuntratt finali f'inqas minn erbgħa u għoxrin siegħa. Għalkemm in-Nutar jisħaq li kien hu li ssuġġerixxa li l-partijiet jiffirmaw il-kuntratt finali mill-ewwel u dan billi ma' kellux għalfejn jagħmel riċerka fuq il-provenjenza tat-titolu (minħabba li kienet diġà disponibbli għalih bħala riżultat ta' riċerka fuq kuntratti oħra tal-familja Scicluna), xorta waħda l-Qorti ssib li huwa lloġiku li kwalunkwe kuntratt ta' transferiment ta' mobbli li jkun regolari u negozjat bejn il-partijiet *at arm's length* jiġi mwelled u ffinalizzat f'inqas minn erbgħa u għoxrin siegħa. Anke jekk il-Qorti timxi fuq l-aħjar ipoteżi, u ċioe li ma' kien hemm xejn maħdum bejn Dr. Ian Borg, ir-rikorrenti u Franco Sammut sabiex issir pressjoni inġusta fuq Anthony Scicluna intiża sabiex jbiegħ l-art kontra l-volonta' tiegħu, il-fatt biss illi r-rikorrent u Dr. Ian Borg kienu jafu (u kif saħqet il-Qorti iżjed 'l fuq, ma' temminx li ma' kienux jafu) illi quddiemhom kellhom individwu vulnerabbli li ddeċieda f'daqqa waħda li jbiegħ l-art tiegħu – għal prezz li l-Qorti ma' tqisx li kien skond is-suq – kien jagħmilha impellenti fuqhom illi jaċċertaw ruħhom li verament dik kienet ix-xewqa tiegħu jekk hemm bżonn billi jesiġu li jieħu parir professjonali qabel ma' jidħol għal dak il-pass.

58. Il-Qorti tqis għalhekk illi s-suġġett tal-pubblikazzjoni in kwistjoni kien jimmerita skrutinju pubbliku u kien fl-interess pubbliku li jiġi ppubblikat. Il-kummenti u

dikjarazzjonijiet magħmula mill-artikolista, għalkemm tnejn minnhom (sewwasew dawk li saru fil-konfront tar-rikorrent) irriżultaw skorretti, kienu sostanzjalment veri fil-kuntest tal-artikolu sħiħ b'mod partikolari għal dawk li *"go to the pith and substance of the matter"*. Il-Qorti tara li l-artikolu kien jikkonsisti ukoll f'opinjoni onesta tal-artikolista u l-pubblikazzjoni tagħha ma' jistax jingħad li saret b'ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa lil dak li jkun. Anzi, l-Qorti tqis li l-artikolista mxiet b'mod kawt meta flimkien mal-pubblikazzjoni tal-artikolu ddedikat nofs paġna proprju għall-kummenti speċifiċi ta' Dr. Ian Borg b'risposta għad-diversi allegazzjonijiet mqajjma minnha.

59. Il-Qorti għalhekk tilqa' l-eċċezzjoni tal-intimati illi l-fatti imsemmija fil-pubblikazzjoni jikkonsistu f'kummenti ġusti dwar kwistjonijiet fl-interess pubbliku.

**Deċiżjoni**

60. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn din il-kawża billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti u dan billi, salv is-suespost, l-kontenut tal-artikolu lamentat bl-isem ta' "*Family incensed as PS buys land from mentally-ill father*" ippubblikat f' The Malta Independent u fuq is-sit elettroniku www.independent.com.mt nhar il-Hadd, 19 ta' Lulju 2015, kien jikkonsisti f'kummenti ġusti dwar kwistjonijiet ta' interess pubbliku, liema kummenti kienu jikkonsistu fi kritika aċċettabbli f'soċjeta demokratika u f'esercizzju tal-liberta tal-espressjoni protetta u sancita mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Spejjeż jinqasmu nofs bin-nofs.**

V.G. Axiak — M. Azzopardi

Maġistrat — Dep. Reġistratur